# L-Abbozz tal-Kwadru Titulari tal-Knisja Parrokkjali ta' Kerċem

bil-kortesija ta' **Heritage Malta**

Din hi opra magħrufa tal-pittur Salvatore Busuttil mid-dinastija Għawdxija tal-pitturi Busuttil. Busuttil tħarreġ fl-arti taħt missieru Michele iżda fl-1817 intagħżel mill-amministrazzjoni ta' dak iż-żmien biex jkun jista jkompli jitħarreġ fl-*Accademia di San Luca* f'Ruma. Speċjalizza l-aktar fil-minjatura u xogħlijiet għall-inċiżjoni. Iżda l-aktar xogħol importanti ta' Busuttil huwa bla dubju ta' xejn il-kwadru titulari tal-knisja parrokkjali ta' Kerċem li tiegħu l-Mużew Nazzjonali tal-Arti għandu l-buzzett li jidher hawnhekk ppublikat. Salvatore żżewweg Taljana, Cristina Centamori, f'Ruma fejn għexu wkoll bħala koppja. Salvatore miet fl-1854 wara li tah attakk tal-qalb qawwi fl-eta ta' 57. Jingħad li l-armla tiegħu bagħtet bosta xogħlijiet lura lejn Malta wara l-mewt tal-artist. Fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti nsibu eżempji interessanti ta' minjaturi xogħol Salvatore Busuttil li ġew wkoll esibiti f'Għawdex f'wirja li saret fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex fl-2010.





*L-abbozz esebit fin-niċċa fil-knisja parrokkjali*

L-kwadru juri lil San Girgor Papa għarkuptejh quddiem dehra tal-Madonna tas-Sokkors mdawwra b' ġemgħat u qatgħet ta' angli. Mixħut quddiemu jidhru iġsma mejta b'folla fil-qrib titlob l-ħniena lill-Verġni tas-Sokkors. Tidher wkoll puċissjoni nieżla miċ-ċittadella, li tfakkarna fil-purċissjoni ta' San Girgor li kienet għadha ssir kull sena sal-1968. Raġel żagħżugħ għarkuptejh jingħad li hu l-pittur innifsu, Salvatore. Jingħad wkoll li l-kwadru ġie kkummissjonat bħala wegħda, ex-voto, għaliex Francesco (il-benefattur) inqabad vittma tal-mixja tal-kolera fl-1837 li kienet laqtet lil Għawdex u ħalliet bosta vittmi warajha; l-benefatturi tal-kwadru Francesco u Rosa Camilleri jidhru wkoll fil-kwadru. Fl-isfond Busuttil jagħtina xbieha dettalljata għall-aħħar taċ-Ċittadella li tista titqies bħala wieħed mill-aktar dokumenti mportanti li għandna u li jagħtina ħjiel ċar dwar kif kienet ic-Ċittadella fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax. L-kwadru tpitter f'Ruma fl-1854, fis-sena li l-pittur għadda għal ħajja aħjar u għaldaqstant dan hu l-aħħar kwadru tiegħu. Din l-informazzjoni tidher wkoll fuq l-kwadru.



Il-Mużew Nazzjonali tal-Arti jinsab fi Triq Nofs in-Nhar, l-Belt Valletta. Bħalissa għaddejjin tħejjijiet biex il-Mużew jiċċaqlaq għall-Berġa tal-Italja fejn illum hemm il-Ministeru tat-Turiżmu, Ambjent u Wirt Kulturali; post aktar ċentrali u spazjuż biex b'hekk l-mużew jkun jista' juri l-opri prezzjużi li jħaddan b'mod aħjar u aktar xieraq.

*Informazzjoni pprovduta mill-Mużew Nazzjonali tal-Arti, Heritage Malta.*



*Salvatore Busuttil (1798-1854), Żejt fuq tila, Kollezzjoni tal-Mużew Nazzjonali tal-Arti (Heritage Malta)*